# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 1125/97

Joseph Debattista

vs

Tabib Principali tal-Gvern

Illum 29 ta' Marzu, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995, u b'mod aktar preciz matul l-1989 ir-rikorrent sofra ingustizzja billi minghajr ebda raguni valida huwa ssubixxa transfer minn dmirijietu li kien ilu jaqdi ghal ghaxar snin.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej :-

Ir-rikorrent kie ilu jahdem fuq bazi ta' "shift" bhala M.T. Driver ghal ghaxar snin. Qatt ma kien hemm rapporti negattivi fil-konfront tieghu. F' Lulju ta' l-1989 intalab jibda jahdem bil-

gurnata u b'rizultat ta' tali transfer tilef madwar tlieta u ghoxrin lira fix-xahar. Mhux talli ma kienx hemm gustifikazzjoni ghat-transfer li sehh izda bhala fatt l-istess xoghol li kien jaghmel ir-rikorrent beda jsir minn persuna ohra li giet preferuta ndebitament.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom.

Ghalhekk ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li ir-rikorrent jithallas il-flus li tilef bejn l-1989 u l-1995 bhala rizultat ta' transfer imsemmi.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi t-transfers li jinghataw isiru skond l-ezigenzi tas-servizz ta' dak in-nhar u dan kollu ai termini ta' l-appointment tal-haddiem. Di piu` rigward ix-shift allowance ghandu jinghad illi l-bzonn li haddiem jahdem bix-shift hija dettata biss mill-htigijiet u c-cirkostanzi tax-xoghol. Ma hemm l-ebda obbligu da parti ta' l-intimat li jhaddem nies bix-shift stante li dan huwa biss rikjest skond in-necessita`.

Ghaldaqstant l-intimat talab lil dan t-Tribunal joghgbu jichad bl-ispejjez it-talbiet tar-rikorrent stante infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma il-fatti imsemmija fir-rikors. Hu ippreciza li t-transfer li garrab twettaq f'Gunju ta' l-1988. Semma li gie sostitwit minn certu George Theuma li kien jahdem fil-garage tal-gvern f'Hal-Kirkop u kien kanvasser politku maghruf. B'rizultat tat-transfer li nghata tilef ix-shift u l-allowance mit-Tnejn sal-Gimgha mis-7.00am sas-2.00pm u s-Sibt sas-1.00pm.

Ikkonsidra li l-partijiet ghamlu referenza ghall-provi prodotti fil-kawza numri 11 u 12 u cioe' fl-ismijiet ta' Mario Farrugia u Emmanuel Aquilina.

Fil-kawza ta' Mario Farrugia deciza fl-20 ta' April, 1998, it-Tribunal qal:

Mill-ezami tad-dokumenti ezibiti jirrizulta li hafna persuni li gew trasferiti ghall-garage ta' l-ambulanzi ma kienux drivers izda Hospital Auxiliaries, Technical Officers, Boiler

Attendant, Skilled Labourer, Watchman u hadu post nies li kienu drivers. Dan it-Tribunal certament ihoss li saret ingustizzja ma' min kien driver u gie sostitwit bhala driver minn persuni li kienu fil-kategoriji imsemmija hawn fuq.

Ukoll dan it-Tribunal gja kellu l-okkazzjoni fejn jghid li transfer ma ghandux isir jekk ma jkunx hemm ragunijiet validi ghalih u certament ma ghandux isir minghajr certu formalitajiet. Ihoss li d-dinjita' umana ta' impjegat titlob li transfer isir bil-miktub u fuq firma ta' kap ta' Dipartiment u li fih ikun hemm indikati l-motivi ghala sar it-transfer. Dan inaqqas il-possibilta' li transfer jinghata minghajr ma jkun gustifikat.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat li t-transfer sar skond it-terms of appointment, l-esigenza tas-servizz u l-mobilita' ta' l-impjegat pubbliku. Dawn veru li huma principji stabbiliti u li jintitolaw lill-Gvern li jaghmel it-transfers necessarji, izda tali transfers iridu jsiru skond il-procedura korretta u li jkunu verament gustifikati mill-esigenzi tas-servizz u mhux li jintbaghat jaghmel xoghol ta' driver min mhuwiex driver u dak li hu driver ingustament jitlef l-allowances li kien intitolat ghalihom."

Inoltre fil-kawza fl-ismijiet "Silvio Demanuele vs Tabib Principali tal-Gvern" deciza minn dan it-Tribunal fid-29 ta' April, 1998, intqal:

"L-esigenzi tas-servizz mhix xi haga li kapriccosament tista' tuza' bhala pretest biex taghmel li trid u tittraskura d-drittijiet tal-haddiema. Jekk verament ikun hemm esigenzi tas-servizz dan jintitola lill-Gvern mal-principju tal-mobilita' tas-servizz li jsir it-trasferiment; izda dawn l-esigenzi iridu jigu ippruvati u mhux semplicement allegati." [ara wkoll George Cutajar vs Direttur tal-Agrikoltura 6/4/98]

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-intimat li t-transfer sar skond it-terms of appointment, l-esigenza tas-servizz u l-mobilita' ta' l-impjegat pubbliku, isib it-talba tar-rikorrent gustifikata u wara li t-Tribunal qis il-fatturi kollha jirrikmanda hlas ta' kumpens lir-rikorrent ta' tlett telef lira maltija [LM3000].

Spejjez kontra l-intimat.